MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI

MINISTRY OF EDUCATION

MALTA

**MOEDPR 049/01**

**Press Handout** **27/04/01**

# Jiltaqa għall-ewwel darba il-Bord għall-Wirt Kulturali

Wara li kmieni din il-Gimgħa, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni Louis Galea, poġġa fuq il-Mejda tal-Kamra il-Pjan Strateġiku għall-Wirt Kulturali, illum, kif wiegħed li se jagħmel, il-Ministru Galea laqqa għall-ewwel darba, il-Bord *interim* għall-Wirt Kulturali (Cultural Heritage interim Board).

Dan il-Bord, hu wieħed mill-ewwel passi konkreti biex issir t-tranżizzjoni bejn is-sistema u l-istruttura ta' bħalissa għal dik ġdida li qed tkun proposta. Il-Bord hu kompost mill:

| | |
|---|---|
| Dr. Louis Galea | Ministru ta' l-Edukazzjoni (President) |
| Is-Sur Paul Attard | Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni |
| Is-Sur Anthony Pace | Id-Direttur tal-Mużewijiet |
| Dr. John Grech | Iċ-Chairman tal-Awtorita' tat-Turiżmu |
| Is-Sur Chris Falzon | Iċ-Chairman tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar |
| Dr. Joeseph Cannataci | Iċ-Chairman taċ-Ċentru Malti għar-Restawr |

Qed tkun ikkonsidrata l-preżenza ta' għaqdiet volontarji fuq dan il-Bord

IL-FURJANA, MALTA
TEL : 242759, 25982512, 25982513 FAX : 242759

Ix-xogħol ta' dan il-bord hu li:

- Jiffaċilita il-kollaborazzjoni bejn aġenziji varji li jkollhom involviment dirett jew indirett fil-protezzjoni u l-immaniġġjar tas-settur tal-Wirt Kulturali.
- Jiġbed l-attezjoni tal-Gvern jew ta' xi organizzazjoni jew persuna oħra fejn ikun hemm bżonn azzjoni urġenti f'dan il-qasam.
- Jagħmel evalwazzjoni tas-siti ta' valur storiku inklus ir-riskji li jiffaċċjaw.
- Jirrevedu is-sistemi kollha ta' sigurta' fuq dawn is-siti storiċi u jiżviluppaw u jimplimentaw pjan biex is-sigurta' titjieb.
- Jara li l-proġetti kollha ta' konservazzjoni ikunu magħmulin sew, bir-riżorsi kollha meħtieġa u skond il-priorita'.
- Jagħti pariri lill-Gvern u lill-Ministru dwar l-iStrateġija Nazzjonali dwar il-Wirt Kulturali.
- Jiltaqa u jikkonsulta regolarment mal-Organizzazjonijiet Non-Governattivi li jaħdmu fil-kamp tal-Wirt Kulturali.

F'dawn il-jiem ukoll, il-Ministru Louis Galea diġa beda jiltaqa ma' l-Organizazjonijiet Non-Governattivi ewlenin biex jiddiskuti magħhom u jieħu s-suġġerimenti tagħhom kif ukoll biex il-komunkazzjoni bejn il-Gvern u dawn l-għaqdied tissaħħaħ speċjalment għaliex il-Gvern qed jipproponi li l-immaniġġjar tas-siti storiċi irid jibda jsir bi sħab bejn il-

Gvern, l-organizzazjonijiet non-governattivi, u s-settur privat. S'issa l-Ministru Galea kellu laqgħa mal-President ta' Din l-Art Ħelwa, is-Sur M. Scicluna, ma' s-Sur M. Farrugia, President tal-Fondazzjoni Wirt Artna, u mas-Sur Ray Bondin President ta' l-ICOMOS (Malta) u Chief Executive tal Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Belt Valletta, l-Imdina u l-Cottonera.